# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 3 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 33.**

**Citazz. Nru. 1565/00 JRM.**

**Nicholas Cachia.**

**vs**

**Francis u Anna konjugi Caruana.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta;

Illi intom ikkommisjonajtu lill-istanti li huwa mastrudaxxa biex jaghmlilkom appalt konsistenti f'xoghol ta' njam ta' bibien u

arkati, liema appalt gie ezegwit fil-fond “Casa Maruska”, Triq l-Istamnar, San Pawl il-Bahar;

Illi fuq dan l-appalt intom baqghalkom thallsu lill-attur il-bilanc ta’ elfejn lira maltija (Lm2,000);

Illi intom iggarantejtu l-hlas tal-bilanc imsemmi permezz ta’ post dated cheque datat il-15 ta’ Settembru 1999 (Dok “A” hawn unit) mahrug fuq il-Bank of Valletta p.l.c., liema cheque pero’ ma giex onorat mill-istess Bank minhabba nuqqas ta’ fondi;

Illi l-attur nterpellakom inutilment biex thallsu l-bilanc dovut minnkom;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundannakom thallsu lill-attur is-somma ta’ Lm2,000 bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ njam ta’ bibien u arkati ezegwit lilkom fil-fond “Casa Maruska”, Triq l-Istammar, San Pawl il-Bahar, kif fuq inghad;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tal-21 ta’ Jannar 2000, tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni, u bl-imghax legali mill-15 ta’ Settembru 1999 datata tac-cheque fuq imsemmi (Dok “A”), kontrikom;

Intom ingunti biex tidhru personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' njam ta' bibien u arkati ezegwit lilhom fil-fond "Casa Maruska", Triq l-Istammar, San Pawl il-Bahar, kif fuq inghad, u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-21 ta' Jannar 2000, tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghax legali mill-15 ta' Settembru 1999, kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**3, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**3, ta' Novembru, 2000.**